

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2015/1108**

tat-8 ta' Lulju 2015

li japprova s-sustanza bażika l-hall skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(ĠU L 181, 9.7.2015, p. 75)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► M1	Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/149 tat-30 ta' Jannar 2019	L 27	20	31.1.2019



**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI
(UE) 2015/1108**

tat-8 ta' Lulju 2015

**li japprova s-sustanza bażika l-hall skont ir-Regolament (KE)
Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar it-
tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti, u li jemenda
l-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE)
Nru 540/2011**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

Artikolu 1

L-Approvazzjoni ta' sustanza bażika

Kif jispeċifika l-Anness I, is-sustanza l-hall hija approvata bħala sustanza bażika bil-kundizzjonijiet stipulati f'dak l-Anness.

Artikolu 2

Emendi għar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011

Il-Parti C tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 hija emendata skont l-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 3

Id-dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubbli-
kazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

ANNEX I

Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ⁽¹⁾	Data tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
Hall Nru tal-CAS: 90132-02-8	Mhux disponibbli	Grad ta' ikel li jkun fih massimu ta' 10 % ta' aċidu aċetiku.	fl-1 ta' Lulju 2015.	L-użi approvati huma biss daww ta' funġiċida u ta' batteriċida bħala sustanza bażika. ► MI Il-hall għandu jintuża skont il-kundizzjonijiet speċifiċi inklużi fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-hall (SANCO/12896/2014) u b'mod partikolari fl-Appendiċijiet I u II tiegħu. ◀

⁽¹⁾ Aktar dettalji dwar l-identità l-ispeċifikazzjoni u l-użu tas-sustanza attiva nagħtaw fir-rapport ta' analiżi.

ANNEX II

Fil-Parti C tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, qed tiżdied l-annotazzjoni li ġejja:

Numru	Isem Komuni, Numri ta' Identifikazzjoni	Isem tal-IUPAC	Purità ⁽¹⁾	Data tal-approvazzjoni	Dispożizzjonijiet speċifiċi
"5	Hall Nru tal-CAS: 90132-02-8	Mhux disponibbli	Grad ta' ikel li jkun fih massimu ta' 10 % ta' aċidu aċetiku.	fl-1 ta' Lulju 2015.	L-użi approvati huma biss dawk ta' fungicida u ta' batteriċida bħala sustanza bażika. Il-hall jista' jintuża f'konformità mal-kundizzjonijiet speċifiċi inklużi fil-konklużjonijiet tar-rapport ta' analiżi dwar il-hall (SANCO/12896/2014) u b'mod partikolari fl-Appendiċijiet I u II tiegħu."

⁽¹⁾ Aktar dettalji dwar l-identità l-ispeċifikazzjoni u l-użu tas-sustanza attiva nagħtaw fir-rapport ta' analiżi.